# FRANCIS EBEJER U QIEGĦ L-*ICEBERG* TA' GŻIRA MEDITERRANJA

*Tarcisio Zarb*

Francis Ebejer huwa l-isem sinonimu mat-tejatru "modern" Malti. Huwa l-isem ta' min inqata' mit-tradizzjoni tejatrinali Maltija, biex ta dimensjoni aktar wiesgħa lill-idjoma tejatrali Maltija. Fil-kitbiet tejatrali tiegħu nsibu t-*tejatru rejalistiku, it-tejatru naturalistiku, it-tejatru espressjonista u t-teajtru ta' l-assurd*, jekk dawn l-isijiet ifissru xi ħaġa.

Il-'fenomenu' Ebejer ħalla l-ewwel impronta tiegħu fil-kuntest Malti lejn tmiem is-sittinijiet. Huwa kiteb b'idjoma li laħqet il-poplu – aktar milli b'dik li nistgħu nsejħulha komprensjoni ta' dak li l-karattri tiegħu jkunu qegħdin igħidu, aktar bl-effett tejatrali u l-istat ta' rwieħ imqallba li jikkaratterizzaw id-drammi.

Ebejer nistgħu nqisuh bħala l-kittieb ta' l-ossessjoni. Fil-fatt nistgħu ngħidu li l-kitbiet tiegħu huma mimlija b'temi rikurrenti bħalma huma *l-influwenza dejjiema ta' l-imgħoddi fuq il-preżent; il-glieda perenni bejn is-sessi; ix-xewqa għal dak kollu li huwa primordjali; ix-xewqa tal-bniedem li jintilef fl-infinit*. Dan joħroġ mhux biss mit-temi tad-drammi tiegħu imma anki mill-istess djalogi tal-istess karattri tiegħu.

M'għandniex hawnhekk l-awtur oġġettiv li jara tiżvolġi quddiemu xena jew azzjoni u jirriproduċiha *verbatim* fuq il-palk, imma għandna hawnhekk il-kittieb li jara sseħħ azzjoni quddiemu u jipprova jirriproduċiha kif din tħalli l-effett fuq in-naħa ta' ġewwa ta' moħħu. Huwa aktar interessat fin-naħa t'isfel ta' l-*iceberg* ta' moħħna, jew aħjar huwa aktar interessat fin-naħa ta' ġewwa ta' l-afrika interjuri ta' ġo fina kif insibu f'Sartre milli f'dak li jaqa' fil-'*consciousness*' ta' madwarna. Nistgħu ngħidu li ftit li xejn hemm bogħod bejn id-dinja tas-subkonxju ta' Ebejer u l-karattri li jitkellmu fuq il-palk.

U għax tgħid il-karattri ta' Ebejer jitkellmu u jitkellmu ħafna. Għandhom biex ngħidu hekk mill-karattri ta' Chekov li kontinwament

ireddnu u jreddnu.

Huma karattri problematiċi bi ħtiġijiet kbar ta' komunikazzjoni. Il-kelma hija importanti ħafna u ħafna għalihom. Ma jistax ikun li jibqgħu magħluqin fihom infushom. *Hemm ħtieġa qawwija li jesprimu lilhom infushom.* Madankollu, jinħass li dawn il-karattri sa mill-punt tat-tluq jidhru li jemmnu li l-komunikazzjoni ma tistax issehh. Madanakollu huma jitkellmu u jitkellmu xorta waħda.

Il-karattru tal-mara għandu sehem importanti ħafna fid-drama ta' Ebejer. Hemm il-mara tradizzjonali dunkarmjana – il-mara li tiġbor fiha bħal qisu f'qoffa antika ħdejn ħajt tas-sejjieħ mimlija tadam, il-virtuijiet tradizzjonali kampanjoli Maltin l-għaqal, il-ġmiel, it-tjubija u s-sens ta' responsabbiltà. Madankollu nieqsa mill-intellett – mit-tħabbil tal-moħħ b'dak li qiegħed jiġri fl-għalqa tas-subliminal. Min-naħa l-oħra mbagħad insibu t-tfajla moderna – *intelliġenti, mimlija ambizzjoni imma konfuża, inċerta* u ma *tafx fejn sejra tasal.* Hemm imbagħad m'għandniex xi ngħidu t-tfjala "naive" – li ma hijiex ħlief l-isterjotip li taqa' fin-norma imma li ma għandhiex ħajja.

Ebejer joxxilla bejn dawn in-nisa fil-figura ta' xi Paul fid-dramm *Il-Ħadd fuq il-Belt* – fejn insibu l-ġlieda perenni bejn is-sessi – il-mara isterika u r-raġel sottomess. Insibu lil Ebejer bejn Ġulja u Roża żewġ nisa simbolu ta' 'innoċenza mhux mimsusa' u t-turija bħal qisu f'mera ta' l-omm tradizzjonali Maltija f'Roża. Hawnhekk niltaqgħu wkoll mal-mara-omm li tisfa vittma ta' l-irresponsabbiltà ta' min huwa immatur. Fid-dramm l-*Imwarrbin*, dramm li fih l-imgħoddi jinħass qawwi u tremend – sens qawwi ta' ħtija li ma hemmx ċans ta' ħelsien minnu – Ebejer jinsab bejn għadd ta' persunaġġi li dinbu fl-imgħoddi, jew waslu biex jidinbu matul it-triq tal-ħajja. Jippruvaw jinsew l-imgħoddi imma ma jirnexxilhomx. Hawnhekk jidħlu l-karattri nisa ta' Casta li għadha innoċenti, Jean li dinbet u trid tinsa u omm Andrè u Casta li kienet sfat vittma ta' l-egoiżmu ta' żewġha u Jean.

Il-qarrej li jrid jidħol daħla fil-gżira ta' Malta u jħares mhux biss f'dik li hija l-*'landscape'* ta' madwarna imma jagħti ħarsa lejn l-*'inscape'* ta' din il-gżira, għandu jara jew jaqra d-drammi ta' Ebejer kif ukoll xogħlijiet oħra ta' letteratura bħalma huma r-rumanzi tiegħu *In the Eye of the Sun* u *Come again in Spring.*

Ebejer għandu wkoll influwenza mil-letteratura Franċiża. Mhux għaliex Ebejer ipplaġjarizza jew b'xi mod kien ekklettiku, imma minħabba l-mod waqtiet *fatalista u eżistenzjali ta' kif iħares lejn il-ħajja.*

Huwa l-kittieb li taħtu hemm moħbi sens qawwi ta' kosmiċità – il-

bniedem li jinsab miexi bħal qisu mingħajr ebda direzzjoni u għalhekk b'sens qawwi ta' assurd. Dan fis-sens ta' xi Sartre li jara lill-bniedem bħal qisu ċellola f'univers kbir, nieqes mill-aspett traxxendentali. F'Ebejer madanakollu jinħass li l-aspett traxxendentali għad għandu l-egħruq sodi tagħhom, għalkemm mhux bl-istess mod kif l-aspett traxxendentali setgħu fehmuh il-ġenerazzjonijiet ta' qablu. F'dik li hija struttura drammatika, Ebejer ħafna drabi jitbiegħed ukoll minn Sartre u joqrob aktar lejn xi Ionesco. Dan fis-sens li Ebejer jibni fuq struttura assurdistika kemm f'dik li hija forma kif ukoll f'dak li huwa kontenut. Filwaqt li l-istruttura tal-*plays* ta' Sartre ħafna drabi kellha forma biex insejħulha hekk tal-*well-made-play* jiġifieri espożizzjoni, kumplikazzjoni u *dénouement* il-*plays* ta' Ebejer għandhom forma u kontenut li jiddeterminaw lil xulxin. Għalhekk dawn id-drammi jqarrbu aktar lejn l-illoġiċità tal-ħolm milli lejn il-loġiċità narrattiva tad-drammi hekk imsejħa tradizzjonali kif mibnija minn Ibsen. Dan ma jfissirx madanakollu li Ebejer ma jvarjax. Fil-fatt nistgħu ngħidu li Ebejer ivarja fuq l-istess tema b'modi u stili u ġeneri letterarji u drammatiċi differenti.

Id-drama ta' Ebejer għandha wkoll l-elementi tal-bidliet soċjali li naraw iseħħu madwarna – iżda ħafna drabi fl-effett li dawn iħallu fuq moħħ li jintellettwalizza dak li huwa għaddieni (igħaddi mingħajr ma jingħata każ tiegħu).

Ebejer huwa d-drammaturgu Malti li għadu attwali llum daqs kemm meta kiteb l-ewwel darba, għaliex id-drama hija parti minnu u mhux kopja fotostatika fjakka fejn ir-ruħ tal-kittieb ma tinħassx.

Tarcisio Zarb B.A. (Hons.), M.A., Dip. Arabic, author of *It-Teatru sa Ebejer* (Malta 1986) and other works, teaches Maltese at The New Lyceum (Arts), Msida.